MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 185/2005

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-14 ta' Gunju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Jannar 2002 u damu biss mizzewgin tlett snin li hafna minnhom il-partijiet ghejxu separatament;

Illi l-esponenti ma kellha lill-hadd gewwa Malta peress li l-familja tieghu kienu kollha barra minn Malta;

Illi mal-ewwel opportunita li kellha zzewwget Malti ghax ma kellha lill-hadd;

Illi dan iz-zwieg huwa null ghax:

- Il-kunsens tal-partijiet jew ta' xi wahda minnhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

- Il-kunsens ta' wahda mill-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; u/jew

- Wahda mill-partijiet ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba ragunijiet temporanja setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fl-21 ta' Dicembru 1999 huwa null ghar-ragunijiet fuq jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet skond l-artiklu 19 (1) (d), (f) u (h) ta' L-Att taz-Zwieg (Kap 255)

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma ppresentax nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits tal-attrici u ta' huha.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Frar, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fil-21 ta' Dicembru 1999 a bazi tal-Artikolu 19 (1) (d), (f) u (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut huwa kontumacji u ma ressaqx provi izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-Ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu, l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju*." (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'kaz ta' ammissjoni izda japplika izjed f'kaz fejn il-konvenut huwa kontumacji u ghaliex hu risaput illi l-kontumacja fl-ordimament guridiku taghna hija kontestazzjoni u mhux ammisjoni.

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li

taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta’ xi parti jkun inkiseb b’eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall att taz-zwieg .

19 (1) (h) – li l-konvenut ma kellux fiz-zmien taz-zwieg il-fakoltajiet jew rieda bizzejjed biex johloq kunsens ghaz-zwieg.

Mill-provi mressqa mill-attrici jidher li l-partijiet izzewgu wara li kienu jafu lil xulxin ghal ftit xhur. Tghid li zzewget biex tkun tista’ toqghod Malta u akkwista l-permess biex tahdem u dan kien il-veru skop taghha. Il-konvenut huwa hmistax il-sena ikbar minnha u skond l-attrici kellu wkoll problema ta’ xorb. Li ma tifhimx il-Qorti huwa kif l-attrici, ghalkemm qalet li zzewget minhabba li kellha bzonn li jkollha l-permess tax-xoghol, kellha zewgt itfal minghand il-konvenut f’perjodu ta’ tlett snin.

Il-Qorti hija nkwietata b’dan it-tip ta’ zwigijiet li qed isiru ghal skop dubbjuz u mbaghad jehlu rizorsi u spejjes prezzjusi biex jigu annullati, izda fl-istess hin thoss li jkun nuqqas taghha jekk tippermetti l-validita’ ta’ zwiegjiet simili ghaliex zgur ma jkunux saru bis-serjeta’ rikjesta.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fil-21 ta’ Dicembru, 1999 u tordna li ssir l-annotazzjoni mitluba mid-Direttur tar-Registru Pubbliku; l-ispejjes jithallsu mill-attrici.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------